# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

## IMHALLEF

## ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Gunju 2002**

**Numru 4**

**Avviz Nru. 2530/97MM**

**Raymond u Maris konjugi Young**

**vs**

**Wejna Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-10 ta' Mejju 2001 li minnha gie interpost l-appell prezenti u li taqra hekk:

> "l-avviz ippresentat mill-atturi fid-9 ta' Dicembru 1997 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta' erba mija u erba u hamsin lira maltin u disgha u sittin centezmu (Lm454.69) rappresentanti merci li kienu gew ritornati lilhom fl-10 ta' Jannar 1997, liema oggetti gew accettati minnhom.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-16 ta' Mejju 1997 u ta' l-10 ta' Gunju 1997 kif ukoll tac-cedola ta' depositu ta' l-oggeti li s-socjeta' konvenuta abbuzivament u llegalment halliet fil-hanut ta' l-atturi u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:-

Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda peress illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-ammont pretiz ma hux dovut stante:

1. Illi kien hemm ftehim u arrangament bejn il-partijiet sa mill-bidu nett tar-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom fejn il-merci li l-atturi kienu jitolbu lis-socjeta' konvenuta sabiex tigi ritornata lura kien ikollhom l-ewwel jigu ivverifikati mis-socjeta' konvenuta u wara li din il-verifika, s-socjeta' konvenuta setghet b'koncessjoni taghti jew tichad l-approvazzjoni taghha ghar-ritorn tal-merci, u meta l-approvazzjoni ghar-ritorn tal-merci kienet tinghata, is-socjeta' konvenuta kienet tohrog credit note favur l-atturi ghall-valur tal-merci hekk accettati lura mis-socjeta' attrici u effettivament ritornati;

2. Illi wara li s-socjeta' konvenuta rrizervat is-solita spezzjoni tal-merci mitluba li jigu ritornati lura, s-socjeta' konvenuta accettat certi oggetti lura u harget credit note ghall-valur ta' dawn l-oggetti, u dan skond il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet hawn fuq imsemmi;

3. Illi fost il-merci li l-atturi talbu lis-socjeta' konvenuta sabiex tiehu lura kien hemm diversi oggetti li ma kienux gew mixtrija minghand is-socjeta' konvenuta u kien hemm oggetti ohrajn li ma kienux baqghu fi stat tajjeb li originarjament kienu meta gew konsenjati lill-atturi;

4. Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta hija kreditrici ta' l-atturi fis-somma ta' Lm101.58 rappresentanti merci li kienu gew mibjugha u konsenjati lill-atturi mis-socjeta' konvenuta fuq ordni w nkarigu ta' l-atturi u li taghhom is-socjeta' attrici ghadha ma thallsitx;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-atturi jiggestixxu zewgt ihwienet, wiehed f'Rahal Gdid u l-iehor il-Mosta li minnhom ibieghu oggetti nkluzi dawk li jirrigwardaw it-trabi. Jidher illi ghall-ahhar ta' l-1996 iddecidew li jbiddlu l-generu ta' dan in-negozju u kkuntatjaw lid-diversi agenti u qalulhom biex jigu jaraw x'merkanzija kien fadal illi kienet tghodd ghalihom. Dak li ma riedux setghu ihalluh il-hanut. Fost dawn l-agenti kien hemm is-socjeta' konvenuta. Dina accettat illi tigi u tiehu lura oggetti illi kienu proprjeta' taghha basta dawna ma kienux *shop soiled* jew inkella jkunu ta' linja li ma tkunx aktar *in production*. Hemm kontroversja bejn il-partijiet dwar jekk dan il-ftehim kienx jinkludi ritorn ta' *credit note* da parti tas-socjeta' konvenuta jew inkella hlas bi flus kontanti.

L-attrici Maris Young xehdet illi hija kellmet lil Anna Casingena direttrici tas-socjeta' konvenuta, u kmieni f'Jannar 1997 giet fil-hanut taghha ta' Rahal il-Gdid u hemmhekk kien hemm kaxxa bl-oggetti li kienu qed jigu ritornati lilha. Anna Casingena rat din il-merkanzija, ghazlet l-affarijiet illi kienu jghoddu ghaliha, dawk illi ma kienux halliethom il-hanut u hadet il-bqija fil-kaxxa. Qabel ma harget hi ffirmat l-invoice li kopja taghha hemm esibita f'dawn l-atti a fol 26 tal-process.

Rigward din l-*invoice* jidher illi kien hemm kontroversja wkoll peress illi l-kopja li giet moghtija lil Anna Casingena ma kienx fiha l-figuri kif jidhru fil-kopja a fol 26. L-attrici Maris Young spjegat li veru li l-kopja li giet moghtija lil Anna Casingena ma kienx fiha l-figuri pero' dawk il-figuri nhadmu minnha stess aktar tard fuq *invoices* illi kien ghad kellhom tas-socjeta' konvenuta. Dawn il-figuri gew mibghuta lis-socjeta' konvenuta xi hmistax wara li huma hadu konsenja ta' din il-merkanzija. Ghall-ewwel Anna Cadingena nnegat illi hija rceviet kopja ta' din l-*invoice* b'dawn il-figuri, pero' mbaghad fil-kontro-ezami qalet illi jista' jkun li rcevietha u terga aktar tard a fol 73 tal-process qalet illi kienet sabet din il-kopja u fil-fatt giet esibita a fol 120 sa 124 tal-process. Din il-kopja li rceviet Anna Casingena hija l-istess bhal dik li hemm a fol 26 tal-process biss fiha l-figuri. L-Qorti fliet kull *item* kemm ta' dak li jidher a fol 26, kif ukoll dawk a fol 120 u dawn l-*items* jidhru li huma l-istess. Anna Casingena qalet li meta rceviet din il-kopja njoratha. Jista' jkun illi waslet l-ufficju tas-socjeta' konvenuta xi hmistax wara li

hadet konsenja ta' l-oggetti minghand l-atturi pero' giet a konjizzjoni taghha biss xahrejn wara. Minkejja dan kif gia nghad, Anna Casingena ghazlet li hija tinjora din l-*invoice,* imbaghad xi xahrejn wara fethet il-kaxxa u rat illi kien fiha hafna affarijiet illi huma *shop soiled* jew li huma *discontinued* jew li ma kienux taghha u ghalhekk iddecidiet li ma zzommx din il-kaxxa u marret biha flimkien mad-*delivery man* fil-hanut li l-atturi jiggestixxu l-Mosta. Hemmhekk kellha xi tghid ma' l-attur Raymond Young u din il-kaxxa hallietha hemm fuq il-bankina. L-atturi mbaghad gabru din il-kaxxa, dahhluha gewwa u ddepositawha l-Qorti u sussegwentement bdew dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma l-Qorti tkompli bl-apprezzament tal-provi jkun opportun li tifli sew dak li gara fl-10 ta' Jannar 1997 meta Anna Casingena marret fil-hanut ta' l-atturi Rahal il-Gdid u hadet il-kaxxa tal-merkanzija. Zgur li dak in-nhar kien hemm prezenti s-*sales girl* Caroline Fenech fejn a fol 36 taghti x-xhieda taghha. F'din ix-xhieda Fenech tghid li "Mrs Casingena rat dawn l-oggetti li konna ser nirritornaw, ghazlithom, u dawk illi riedet tiehu lura poggiethom go kaxxa u ffirmat ghalihom. Iffirmat quddiemi. Ma kien hemm l-ebda indhil fuq Mrs Casingena. Ghazlet li riedet minghajr xkiel ta' xejn". Caroline Fenech gharfet il-firma ta' Anna Casingena fuq dawn l-*invoices.* Din is-*sales girl* kienet ukoll prezenti fil-hanut tal-Mosta meta Anna Casingena gabet l-istess kaxxa li kienet hadet mill-hanut ta' Rahal il-Gdid u poggietha wara l-bieb. Minn naha l-ohra, Anna Casingena a fol 42 tghid li hija accettat li tiehu lura l-hwejjeg li kienu taghha u li ma kienux *shop soiled*. Qatt ma accettat li ser taghti flus lura izda kienet ser tohrog *credit note* favur l-atturi. Meta giet ghall-ispezzjonar ta' l-oggetti Anna Casingena qalet "rajt l-affarijiet fuq fuq u bdejt nelimina minnhom. Mill-oggetti kollha illi gejt murija jiena warrabt l-oggetti li ma kienux taghna. Minn barra dawk illi kienu *shop soiled* jew inkella xi linja illi kienet *discontinued* (fol 43)". Anna Casingena kompliet tghid li xi tlett xhur wara fethet il-kaxxa, sabet hafna affarijiet *shop soiled* jew li ma kienux taghha, gharfet pero' l-firma taghha fuq l-*invoices* illi gew esibiti f'dawn l-atti.

Caroline Fenech regghet xehdet a fol 48 fejn qalet li Mrs Casingena ghazlet l-affarijiet u talli hadet iffirmat ghalihom. Ma semghetx lil Mrs Casingena tghid illi kien ghad fadal xi affarijiet ohra x'jigu

ccekkjati fil-kaxxa. Il-*handwriting* fuq dawn l-*invoices* kien tas-*sales girl* Janet Scicluna.

Minn dawn il-provi quindi l-Qorti hija sodisfatta illi l-oggetti kollha illi hemm indikati fuq l-*invoices* sew dawk li hemm esibitia fol 120 tal-process gew kollha konsenjati lis-socjeta' konvenuta. Jekk Anna Casingena kellhiex iz-zmien li ticcekja kull *item* hija kwistjoni ohra. Zgur illi xi haga minnhom iccekjat sew peress illi f'kull pagna ta' dawn l-*invoices* hemm xi oggetti b'rimarki bhal *returned* li jfissru skond l-istess Anna Casingena dawn l-oggetti gew ritornati lill-atturi, quindi l-Qorti hija sodisfatta li Anna Casingena ma ezaminatx dawn l-oggetti biss fuq fuq imma kellha l-opportunita' li tezaminahhom aktar fil-fond. Tant hu hekk, li f'xi whud minnhom irrimarkat fuq l-*invoices* illi dawna gew ritornati.

Anna Casingena tghid illi damet hafna ma regghet fethet il-kaxxa. Meta haditha l-ufficju tas-socjeta' konvenuta dina dawritha bit-tape u hallietha hemm. Kien biss wara xi tlieta jew erba' xhur li fettillha tiftah il-kaxxa biex tara x'kien hemm fiha u hawnhekk jidher illi kellha xi ripensament peress illi dehrilha illi hafna minn dawk l-oggetti illi kien hemm fil-kaxxa kienu *shop soiled* jew inkella ma kienux tas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinnota illi hemm element ta' traskuragni fl-operat ta' Anna Casingena. Jekk dina hadet xi affarijiet minghand l-atturi, kien fl-interess taghha illi hija tezamina ma' l-ewwel dawn l-oggetti, tezaminahhom fil-fond, u tara illi dawk l-oggetti illi kienet qed tiehu konsenja kienu kollha taghha. Anna Casingena ma tistax tiggustifika l-agir taghha u tghid illi halliet il-kaxxa ssiggillata fl-ufficju erba xhur u meta fettillha fethitha biex tara x'kien hemm fiha. Erba' xhur fil-qasam tal-kummerc huwa zmien twil wisq u dana ma huwiex agir ta' *bonus pater familias* illi jhalli dawk l-oggetti illi jiswew tant flus fil-kaxxa minghajr ma jkunu spezzjonati sew.

Anna Casingena tinnega illi dawk l-affarijiet setghu kienu *shop soiled* f'dan it-terminu ta' erba xhur. Filwaqt illi l-Qorti tghid illi dana jista' jkun, pero' lanqas ma tista tigi mwarrba l-possibilta' illi dawn l-oggetti setgha gralhom xi hsara f'dawn l-erba' xhur. Hi xhin, hi Anna Casingena naqset bil-kbir meta hija ma spezzjonatx l-oggetti kif kien suppost kellha tispezzjonahom, jew dak il-hin stess li hadet konsenja taghhom, jew inkella ftit wara meta marret fl-ufficju.

Dan l-element ta' traskuragni huwa aktar accentwat meta l-istess Anna Casingena tghid illi huwa possibli hija hija rceviet l-kopja ta' l-*invoices* bic-cifri xi hmistax wara li hadet konsenja tal-kaxxa u minkejja li kienet fl-ufficju tal-kumpanija ngabet a konjizzjoni taghha xahrejn wara. In-negozju ma jinhadimx hekk. Ma jistax ikun illi f'qasam kummercjali tircievi dokument u thallieh rieqed ghal xahrejn fuq skrivanija qabel ma tiehu azzjoni u mbaghad di piu' tghid illi njorat dak id-dokument. Jekk Anna Casingena kellha xi lment dwar dawk ic-cifri allura messha hadet passi mmedjatament u mhux tinjora dokument bhal dan. Xahrejn huwa zmien twil wisq biex tingieb a konjizzjoni ta' dokument u wisq aktar huwa agir traskurat illi inti tinjora dak id-dokument. Bhal li kieku dana mhux bizzejjed, Anna Casingena hadet xahrejn ohra biex tiftah il-kaxxa u tara x'kien hemm fiha. Ma hemmx dubbju, illi dan l-agir hu wiehed traskurat ghall-ahhar u ma jistax ikun tollerat fil-qasam kummercjali. Ghalhekk il-Qorti ma jidhirlhiex li s-socjeta' konvenuta tista tikseb xi vantagg b'dan l-agir taghha. Kif ighid it-taghlim fid-dritt Ruman "nullus commodum capere potest de injuria sua propria".

Tajjeb jew hazin is-socjeta' konvenuta hadet konsenja ta' l-oggetti illi hemm indikati fl-*invoices* esebiti f'dawn l-atti. Dawn l-oggetti huma identifikati u l-istess socjeta' rceviet ukoll lista tal-prezzijiet taghhom. Il-fatt li s-socjeta ghazlet li tinjora dawn il-prezzijiet u tinjora illi tezamina fil-fond dawn l-oggetti li gew ikkonsenjati lilha huma nuqqasijiet serji da parti taghha li ma tistax issa tiehu vantagg fuqhom. Dawn l-oggetti gew ritornati lill-atturi u sussegwentement gew depositati l-Qorti.

Fil-kors ta' din l-operazzjoni kollha, l-atturi mxew korrettament. L-agir taghhom huwa dokumentat u agixxew skond il-prassi normali tal-kummerc. Ma jidhirx illi hemm xi element ta' traskuragni b'dan l-operat taghhom kif jidher illi hemm manifestament fl-operat tas-socjeta' konvenuta. Il-Qorti pero' ma tistax ma tirriflettix fuq ic-cifra finali illi talbu l-atturi. Skond l-avviz l-atturi qeghdin jitolbu l-ammont ta' erba mija u erba u hamsin lira maltin u disgha u sittin centezmu (Lm454.69). Fix-xiehda ta' l-attrici quddiem din il-Qorti a fol 23 qalet li l-merkanzija kollha li kienet hadet minghand is-socjeta' konvenuta kienet mhallsa, barra *invoice* wahda ta' mitt lira (Lm100) liema somma hija mnaqqsa mill-ammont mitlub fl-avviz. Il-Qorti pero' ma jidhirlhiex illi dana huwa l-kaz. Meta ezaminat ic-cifri li hemm fl-*invoices* a fol 26 sa 30 kif ukoll dawk a fol 120 sa 124 tal-process, kif ukoll l-istatement a fol 125 fejn allura gew migbura c-cifri ta' dawn l-*invoices* kollha biex tohrog is-somma

finali mitluba fl-avviz, il-Qorti ssib li dawn il-mitt lira mhumiex fil-fatt imnaqqsa. Ghalhekk jidhrilha illi filwaqt li ghandha tigi mnaqqsa b'mitt lira biex tirrifletti dak illi qalet l-istess attrici a fol 23 tal-process.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-istess atturi s-somma ta' tlett mija u erba u hamsin lira maltin u disgha u sittin centezmu (Lm354.69c) rappresentanti merci li kienu gew ritornati lis-socjeta' konvenuta fl-10 ta' Jannar 1997, liema oggetti kienu accettati mill-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-istess socjeta' konvenuta.

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta Wejna Co. Ltd. li permezz tieghu talbet li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza msemmija fil-parti fejn laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' Lm354.69, b'dan illi tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-istess socjeta` konvenuta, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appellati;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur ta' l-appellati, stante li fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2002 ma deher hadd ghas-socjeta` appellanti;

Ikkunsidrat illi:-

L-aggravji tas-socjeta` appellanti jistghu jigu sintetizzati hekk:

Illi bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim ta' rivendita. L-oggetti kienu originalment inbieghu lill-atturi u ma kinux *on consignment*. Ghalhekk l-atturi appellati setghu biss jirritornaw l-oggetti bi ftehim specifiku ma' l-agenti taghhom. L-approvazzjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti kienet ghalhekk mehtiega ghar-ritorn tal-merci, u dan biss bhala koncessjoni.

Illi r-ritorn ta' l-oggetti setghet issir biss kontra l-hrug ta' *credit note* u mhux kontra l-hlas tal-prezz taghhom, u dan skond il-prattika kummercjali.

Illi meta Anna Casingena, direttrici tas-socjeta` konvenuta appellanti, iffirmat id-dokument li fuqu kien hemm elenkati l-oggetti ritornati, dan iffirmatu bhala *delivery note* u mhux bhala *invoice*. Difatti fuqu ma kienx hemm il-prezzijiet indikati u dawn iddahhlu wara li hija kienet irtirat il-merci. Kieku ma kenitx tiffirma.

Illi l-istess Anna Casingena ma kenitx traskurata fl-operat taghha u ghalkemm minhabba x-xoghol taghha hadet iz-zmien biex tispezzjona l-oggetti li hija rtirat, hija kienet biss qed taghmel pjacir lill-atturi appellati.

Illi ma jirizultax b'mod car u inekwivoku li l-ftehim originali bejn il-partijiet kien gie mibdul b'arrangament gdid u ghalhekk ma sehhet l-ebda novazzjoni.

Ikkunsidrat illi:-

Minn ezami ta' l-atti, din il-Qorti waslet hi ukoll ghall-istess konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti u ghall-konvinciment li s-sentenza appellata timmerita

li tigi kkonfermata salv dak li ser jinghad aktar ‘l isfel dwar il-*quantum*. Taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fil-qosor:

M’hemm l-ebda dubju li fir-relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti l-oggetti li kienu jiehdu l-atturi appellati ma kinux jehduhom *on consignment* u tali relazzjoni kienet tikkonsisti filli jixtru tali oggetti minghand is-socjeta` konvenuta appellanti bi prezz *wholesale*. Inoltre jidher li kien hemm ghall-inqas okkazjoni wahda fejn gie ritornat xi oggett li ghalih is-socjeta` konvenuta appellanti kienet harget *credit note* biex l-ammont jigi skontat minn akkwisti sussegwenti.

Izda jirrizulta ampjament li s-sitwazzjoni hawn in konsiderazzjoni kienet sitwazzjoni differenti. L-atturi appellati ma kinux se jkomplu fin-negozju ta’ l-accessorji tat-trabi u ghalhekk ikkuntattjaw lill-agenti taghhom u hafna minnhom qalulhom li kienu lesti li jiehdu x-xoghol lura, fosthom Anna Casingena, direttrici tas-socjeta` konvenuta appellanti. Ghalhekk qeghdin nitkelmu dwar ftehim gdid bejn il-kontendenti u mhux kontinwazzjoni tal-ftehim originali. Difatti waqt il-perkors tar-relazzjoni kummercjali bejniethom, kienet wahdiet l-oggetti li gew ritornati lis-socjeta` konvenuta appellanti. Hawn si tratta ta’ sitwazzjoni fejn l-atturi appellati kienu se jittronkaw dik ir-relazzjoni, ghamlu offerta lis-socjeta` konvenuta appellanti u giet accettata minnha. Ma kien hemm xejn x’izomm lill-imsemmija socjeta` milli tirrifjuta tiehu lura l-oggetti.

Meta s-socjeta` konvenuta appellanti accettat li tiehu lura l-oggetti, naturalment dan kien bil-kondizzjoni li l-oggetti kienu taghha u li ma kinux *shop-soiled*. Meta Anna Casingena marret tirtira l-oggetti, hija ffirmat numru ta’ dokumenti fejn kienu elenkati dawn l-oggetti li ma kellhomx il-prezzijiet relattivi fuqhom. Jigi sottolineat li dawn ma kinux

intestati “Delivery Note” izda “Invoice”. Hija sabet li uhud mill-oggetti li kienu thejjew ghaliha ma kinux taghha jew li kienu taghha izda gew *discontinued* u ghalhekk ma accettathomx. Difatti fuq l-istess *invoices* hemm hdejn uhud mill-oggetti l-kelma “Returned”. Dan juri li kellha opportunita` meta marret tirtira l-oggetti biex tispezzjonahom u zgur ma hemm l-ebda gustifikazzjoni li kellha ddum diversi xhur qabel ma terga’ tiftah il-kaxex fejn kienu dawn l-oggetti biex terga’ tezaminahom minuzzjozament. Bhalma lanqas hemm xi gustifikazzjoni li tircievi l-istess *invoices* bil-prezzijiet relattivi li kienu gew subentrati u, kif tammetti hi stess fis-seduta tas-26 ta’ Ottubru 1999, tinjorahom (dan wara li l-ewwel tghid li dak id-dokument qatt ma gie f’idejha – seduta ta’ l-4 ta’ Novembru 1998; imbaghad li jista’ jkun li kienet ircevietu izda ma sabitux – seduta tal-15 ta’ Marzu 1999).

Is-socjeta` konvenuta appellanti tippretendi li ghall-oggetti li zammet hija kellha tohrog *credit note*. Anna Casingena xehdet fis-seduta ta’ l-4 ta’ Novembru 1998 li kienet lesta tohrog *credit note* ta’ dawn l-oggetti. Fis-seduta tal-15 ta’ Marzu 1999 pero` qalet li fid-diskors ta’ bejnha u l-attrici appellata ma kien hemm l-ebda riferenza ghal *credit note.* Fis-sitwazzjoni rizultanti fejn l-atturi appellati ma kinux se jkomplu l-linja ta’ kummerc li ghaliha kienu jakkwistaw prodotti minghand is-socjeta` konvenuta appellanti, ma jaghmilx sens li jinhareg *credit note*. Zgur ma kienx dan l-intendiment meta l-atturi appellati saqsew lil Anna Casingena kenitx lesta tiehu xoghol lura u din accettat. L-uniku mezz ta’ kif ir-relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti setghet tigi terminata kien bil-hlas mis-socjeta` konvenuta appellanti ta’ l-oggetti li accettat li tiehu lura.

Dwar il-*quantum* li hu dovut mis-socjeta` konvenuta appellanti, l-Ewwel Qorti stabbiliet  li l-ammont mitlub mill-atturi fl-Avviz taghhom kellu

jonqos b'mitt liri Maltin (Lm100) rapprezentanti *invoice* li kien ghadu ma thallasx mill-atturi. Ghall-korrettezza, kif tajjeb gie rilevat fir-rikors ta' l-appell u ammess mill-atturi appellati fir-risposta taghhom, is-somma li ghandha titnaqqas hija ta' mija u wiehed liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm101.58). Ghalhekk il-bilanc li huwa dovut lill-atturi appellati huwa ta' tliet mija tlieta u hamsin liri maltin u hdax-il centezmu (Lm353.11).

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li tikkwalifikaha biss fir-rigward ta' l-ammont dovut lill-appellati billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta appellanti thallas lill-atturi appellati s-somma ta' tliet mija tlieta u hamsin liri maltin u hdax-il centezmu (Lm353.11) bl-imghax mill-10 ta' Mejju 2001 (id-data tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti).

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.